


## L-Ewwel Żjara tal-Banda Tagħna fit-Tuneżija - Lulju 1926 - Tmenin Sena Ilu

**Jikteb Is-Segretarju – Frans Pullicino**

Kienu diversi mawriet tal-Banda Santa Liena barra minn xtutna, kollha b'unuri kbar fejn f'Valencia – Spanja - ħdax il-sena ilu l-banda kisbet l-ikbar unur li setgħet kisbet barra minn xtutna meta ġejna ikklassifikati fit-tielet post, fejn ħadu sehem mhux inqas minn ħamsin banda, uħud professjonali, kemm spanjoli u kemm barranin.

Iżda llum se nikteb dwar l-ewwel żjara tal-banda tagħna ġewwa t-Tuneżija bejn it-12 u 17 ta' Lulju 1926 – tmenin sena ilu. L-ewwelnett ta' min jagħti sfond tal-ġrajjiet dawk iż-żminijiet: l-ewwel gwerra dinjija ta' l-1918 fejn mad-dinja kollha ħalliet ħafna imwiet, ċarċir ta' demm, ħuħ, għaks, nies bla xogħol u tbatija liema bħala. Kien hawn f'Malta nhar is-7 ta' Ġunju 1919, il-famużi irvellijiet fejn erbgħa min-nies Maltin ġew maqtula meta s-suldati ingliżi fetħu n-nar fuq il-Maltin, fil-Belt Valletta. Kien hawnhekk f'dis-sena li l-banda tagħna ġiet iffurmata – kien żmien ta' tibdil. Il-Maltin, allura, mifnija bħall-kumplament tad-dinja b'nuqqas ta' xogħol u tbatija, ħafna Maltin ħasbu biex jemigraw għall-pajjiżi oħra bil-familji kollha u telqu u emigraw f'pajjiżi oħra. Bħal ma llum per eżempju, il-Maltin jemigraw lejn l-Awstralja, il-Kanada, l-Amerika u l-Ingilterra, allura f'dak iż-żmien il-Maltin kienu jemigraw l-Alġerija l-Eġittu u t-Tuneżija. Għalhekk insibu li ħafna Maltin kienu jemigraw lejn it-Tuneżija, art viċina, art ġarha tagħna li llum trid ħamsin minuta ajru. Kemm aħna viċin Tuneż, mhux biss art minn art imma l-ħbiberija taż-żewġ popli, l-popli ġejja minn dak iż-żmien u mhux ta' b'xejn li f'Tuneż teżisti Triq Malta u mhux ta' b'xejn il-Maltin li jsiefru llum fuq btala f'Tuneż jiġu milqugħa bit-tislima 'Malta ħanina – ħobża u sardina'. Il-ħobż u s-sardin kienu jmorru flimkien bħal mal-Maltin kienu jmorru tajjeb mat-Tuneżini, għalhekk din il-frażi. It-Tuneżja kienet kolonja Franċiża, fejn ħadet l-Indipendenza tagħha nhar l-20 ta' Marzu 1957. Għalhekk dak iż-żmien kienet kolonja Franċiża. Mela għidna li l-banda tagħna twaqqfet fl-1919. Surmastrijiet fl-ewwel żminijiet kellha lil Ferdinandu Camilleri, Ġużeppi Camilleri ibnu, Giacchino Micallef, li lkoll bejniethom għamlu ftit żminijiet sakem fl-1920 inħatar is-surmast Vincenzo Costa li dam s'April tal-1925 meta nhar Santu Kruċ, nhar it-3 ta' Mejju 1925, inħatar surmast Mro. Ġiuzeppi Busuttil. Bil-Maltin allura jissetiljaw fit-Tuneżija insibu familji Maltin li kellhom in-negozju hemmhekk bħal familja Bondin, li kellu n-negozju tal-kafe', tant li jekk tmur Tuneż għadek issib sal-lum 'KAFE BONDIN'. Dan is-sur Bondin inħatar ir-rappreżentant tal-Maltin f'Tuneż, familja oħra magħrufa ta' negozjanti kienet il-familja LICARI. Dawn kellhom in-negozju tal-qoton. Wieħed mill-familjari Licari – kien ukoll president ta' waħda mill-baned Tuneżini ta' dak iż-żmien u emmnuha jekk tridu, din il-banda f'Tuneż kien jisimha 'Duke of Connaught Band' – isem sinonimu mal-banda l-oħra karkariża, dik li tinsab fi Triq il-Wied ta' Birkirkara – li ukoll iġġib l-isem 'Duke of Connaught Band'.

Mela bit-Tuneżija tiċċelebra il-jum nazzjonali tagħha, bħal dak Franċiż voldieri kull nhar 14 ta' Lulju, (sakem kif semmejna iktar il-fuq ħadet l-indipendenza tagħha nhar 20 ta' Marzu 1957), u bil-ħafna Maltin issetiljati fit-Tuneżija, kienet ix-xewqa kbira tal-komunita' Maltija ġewwa Tuneż, immexija mis-sinjuri Bondin u Licari, li jġibu Banda Maltija biex tferraħ lill-Maltin f'Tuneż u kif ukoll lit-Tuneżini. L-għażla waqgħet fuq il-banda tagħna, Banda Sant' Elena, li allura fl-1926 kienet għadha banda żgħażugħa li kienet ilha imwaqqfa sebgħa snin biss. Is-surmast Ġiużeppi Busuttil kien għadu biss sena u xahrejn surmast tal-banda tagħna. Għala ġiet mistiedna il-banda tagħna u mhux baned Maltin oħrajn ta' dak iż-żmien jista jkun il-fatt li dak iż-żmien President tal-Banda tagħna kien is-sur Salvu Zammit Hammet, il-banda tagħna siefret tlett darbiet dejjem fit-Tuneżija taħt il-presidenza ta' din il-persuna fl-1926, 1928 u 1938 (kien persuna abbli, ta' ħila u organizatur kbir) u kienet din il-karizma, il-ħeġġa u l-abilta ta' dil-perusna li għalhekk il-banda tagħna ġiet mistiedna biex tmur iddoqq għalhekk l-ewwel darba bejn it-12 u is-17 ta' Lulju 1926. Meta waslet l-istedina kien hemm ferħ kbir entużjażmu liema bħalu. Is-Surmast Busuttil laqqa' l-bandisti u ħeġġiġhom u fakkarhom li l-banda Santa Liena permezz tagħhom u tiegħu kienu ser ikunu ambaxxaturi

ta' Malta. Il-preparamenti kienu kbar sakemm nhar it-12 ta' Lulja 1926, 65 mużiċist, is-surmast Ġużeppi Busuttil, membri tal-kumitat immexxija mill-President is-Sur Salvu Żammit Hammet (ilħaqt lill-iben Zammit Hammet ħaj – saċerdot f'Ħal Balzan, li miet xi 12-il sena ilu) u xi partitarji erħewla bil-vapur 'SS ODIN' lejn il-port ta' Tuneż, jismu 'LA GOULETTE'. (ovvjament ajruplani dak iż-żmien ma kienx hemm). Telqu fit-12 ta' Lulju fil-għodu kmieni u waslu fl-istess lejl għal ħabta tal-10.30pm. Mal-wasla tagħhom fil-port ta' Tuneż, kien hemm folla kbira ta' nies jilqagħuhom immexxija mill-Bey ta' Tuneż Pasha Ahmed, (kien ir-rappreżentat tal-gvern Franċiż, qisu il-gvernatur tagħna, dak iż-żmien li kien jippreżenta l-gvern Ingliż hawn Malta). Mill-konslu Franċiż, il-familji Maltin, fost l-oħrajn dawk ta' Bondin u Licari u numru kbir ta' Maltin kif ukoll Tuneżini jistennew il-wasla tal-banda Maltija.
Kien l-għada wara nofs-in-nhar it-13 ta' Lulju 1926, meta l-banda tagħna għamlet marċ fit-toroq prinċipali ta' Tuneż fost l-applawsi tal-ġemgħa kbira ta' nies li passiet mal-banda tagħna kull fejn daqqet (il-mużiċisti kienu liebsin uniformi bajda). Hawnhekk ħadu sehem baned oħra minn Tuneż, l-istess banda 'Duke of Connaught' u dik ta' Bona. Sehem il-banda Maltija intlaqa b'entużjażmu kbir. L-għada l-14 ta' Lulju, sebaħ il-jum Nazzjonali Tuneżin, kont tara fit-toroq, fil-gallarija, f'bini pubbliku u fuq djar, il-bandiera Franċiża, it-Tre Color tperper ma' kullimkien. It-tlett baned tagħna u dawk Tuneżini bdew marċ mit-toroq differenti għal ħabta tal-5.00pm u meta waslu quddiem il-Kattidral ta' Tuneż (għadu jeżisti sal-lum – kattidral kattoliku – dedikat li San Vinċenz de Paule u jiena ftit ilu waqt li kont Tuneż, sibtu miftuħ u dħalt nagħmel żjara fih) kienet il-banda tagħna li ġiet mistiedna biex tesegwixxi programm mużikali quddiem il-kattidral.
Is-surmast Busuttil flimkien mal-mużiċisti tal-banda tagħna kienu f'vena mill-aqwa u essegwew program mużikali ta' madwar siegħa, ta' l-ogħla klassi u kwalita', b'mużika klassika u operisitika fost l-applawsi kbar tal-ġemgħa kbira ta' nies Tuneżini u Maltin bl-għajjat tagħhom "Vive le France" "Vive la Tunesie" "Vive Malte" u "St Helena Beau" (jirreferu għall-banda Santa Liena, fejn 'beau' tfisser sabiħ). Wara tmiem il-programm il-banda, is-surmast, il-mużiċisti, il-kumitat u l-partitarji kellhom stediniet kbar mill-Konslu Franċiż, Bay ta' Tuneż, u ngħatat diversi rigali fosthom standard irrakmat biex ifakkar dik iż-żjara li għadek tarah esebiet sal-lum fil-każin tagħna.
L-għada il-banda għamlet marċ ieħor u nhar is-16 ta' Lulju fil-għaxija reġgħet rikbet il-vapur 'SS ODIN'li salpa lura lejn Malta fejn il-kontingent Malti wasal fil-port il-kbir nhar is-17 ta' Lulju 1926. Kienet din l-ewwel żjara tal-banda tagħna f'art barranija b'suċċess kbir, tant li fl-1928 u fl-1938 reġgħet il-banda tagħna kienet mistiedna ukoll fit-Tuneżija ukoll għall-festi nazzjonali tat-Tuneżija imma fuq dawn iż-żewġ mawriet tal-banda tagħna, nikteb jekk alla jrid f'ħarġiet oħra tal-ktieb tagħna tal-festa.

